MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 152/2012/1

**UDS Limited C-31047**

**Vs**

**Brian de Giorgio**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tad-19 ta' April, 2013, moghtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qeghdha titlob l-ammont ta' tmien mija u sebgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€897.74c) rapprezentanti somma ta' bilanc dovut ghal servizz u xoghlijiet li saru fil-bibien*

*u twieqi fil-fond Plot 1, Furtu Salvatiku Street, San Giljan, u dan skond l-invoice numru 107, liema dokument qed jigi mmarkat "Dok. A" rapprezentanti servizz moghti mill-kumpanija attrici UDS Limited, liema servizz ma giex imhallas.*

*Illi minkejja li l-konvenut gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, huwa baqa' inadempjenti;*

*Bl-imghaxijiet skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi preliminarjament, it-talbiet tas-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri huma preskritti ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet maghmula mill-istess socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi: (i) l-esponenti mhuwiex proprjetarju tal-propjeta' mmobbli msemmija u lanqas ma ghandhu jew qatt kellu konnessjoni maghha; (ii) sa fejn jaf hu qatt ma talab jew ibbenefika minn servizzi jew xoghlijiet mis-socjeta' attrici; (iii) f'dawn il-proceduri l-konvenut mhuwiex identifikat permezz ta' n-numru tal-karta tal-identita' kif titlob il-Ligi. Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost,l-konvenut qatt ma gie interpellat mis-socjeta' attrici sabiex ihallas is-somma mitluba – gie biss mibghut email minn certa Justine Mallia Goggi mill-ufficju legali ta' Mifsud & Mifsud Advocates ta' 123, Triq Melita, Valletta fis-17 ta' Novembru 2011. Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob umilment u bir-rispett sabiex dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.*

*Bl-ispejjez.*

*Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni taddokumenti kollha li gew esebiti minnhom.*

*Semgha t-trattazzjoni.*

*Illi din is-sentenza tittratta limitatament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.*

*Ikkunsidra,*

*Illi in forza ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' tmien mija sebgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€897.74c) li jirraprezentaw il-prezz ta' bieb li allegatament gie*

*installat fi proprjeta' f'San Giljan fuq inkarigu tal-konvenut. Illi mill-atti jidher illi l-fattura relattiva ghall-konsenja u installazzjoni ta' dan il-bieb inharget fil-25 ta' April, 2008 (a fol.12 tal-atti) u dan in segwitu ta' stima li ntbaghtet bl-e mail, u l-konferma tal-ordni bl-e mail datata 16 ta' April, 2008 (a fol.20 tal-atti).*

*Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici, u persuni ohra impjegati fi hdan l-istess socjeta' attrici, ddikjaraw illi l-konvenut,jew ahjar persuna bl-isem "Brian" kien ghamel xi stharrig permezz tat-telephone dwar il-prodotti li toffri u s-servizz li tippresta s-socjeta' attrici, u wara li ntbaghat il-fitter sabiex jiehu l-kejl tal-apertura fejn kellu jitwahhal il-bieb,kien gie kkonsenjat u installat il-bieb li qed jintalab il-hlas tal-prezz tieghu permezz ta' din l-azzjoni. Illi s-segretarja fi hdan is-socjeta' attrici xehdet illi wara li dan il-bieb gie installat, kienet iccempel regolarment kull xahar sabiex titlob il-hlas tal-prezz, u l-persuna lil min kienet tkellem kien jaccertaha illi ser ihallas hekk kif jigi installat il-mutur ta' dan l-istess bieb.*

*Illi da parti tieghu l-konvenut isostni illi qatt ma ghamel ebda ordni minghand is-socjeta' attrici ghall-konsenja u installazzjoni ta' bieb fl-indirizz citat. Illi hu ddikjara li ghalkemm huwa l-proprjetarju ta' flat numru tlieta-(3) fil-block fejn gie installat il-bieb, madanakollu, hu m'ghandux garage. Iddikjara illi s-sengha tieghu hija fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni, izda ma ghamel ebda ordni ghall-installazzjoni tal-imsemmi bieb. Iddikjara wkoll illi ghalkemm l-e mail address li jirrizulta mid-dokument a fol.20 tal-atti huwa tieghu, madanakollu ma jiftakarax li ghamel dik l-ordni. Illi oltre dan, huwa ma rcieva ebda korrispondenza minghand is-socjeta' attrici, ghajr l-e mail li ntbaghtet mill-ufficini tal-Avukati Mifsud & Mifsud li maghhom kienet mehmuza l-fattura (a fol.10 tal-atti), qabel ma rcieva dawn l-atti.*

*Ikkunsidra,*

*Illi s-sentenza odjerna tittrata unikament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, li indika l-Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-provvediment tal-Ligi applikabbli ghal kaz odjern. Illi l-Artikolu tal-Ligi in kwistjoni jipprovdi terminu preskrittiv ta' tmintax-(18)-il xahar.*

*Illi ghalkemm il-konvenut indika l-Artikolu tal-Ligi applikabbli, u konsegwentement huwa determinabbli t-terminu preskrittiv applikabbli, madanakollu, l-istess konvenut naqas milli jindika specifikament b'referenza ghal-liema subinciz ta' dan l-Artikolu tal-Ligi giet sollevata din l-eccezzjoni. Illi f'dan ir-rigward, u fid-dawl tal-fatt illi l-insenjament tal-Qrati taghna konsistentement jipprovdi illi din it-tip ta' eccezzjoni ghandha tigi interpretata bl-aktar mod restrittiv possibbli, allura jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-fatt illi*

*gie indikat l-Artikolu tal-Ligi, minghajr ma gie indikat s-subinciz applikabbli, huwiex sufficjenti sabiex tali eccezzjoni tigi kkunsidrata, u possibilment akkolta. Illi f'dan ir-rigward qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Joseph Gauci vs Saviour Farrugia deciza fit-2 ta' Gunju, 2005, fejn gie ritenut illi; "Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. ... Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti."*

*Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament, u tenut kont tal-fatt illi t-terminu preskrittiv indikat mill-konvenut huwa kontemplat mil-Ligi f'diversi subincizi - u ghalhekk it-Tribunal ma jistax minn jeddu jasal ghall-konkluzjoni illi qed jigi invokat xi subinciz specifiku tal-Ligi, u mhux iehor – allura necessarjament isegwi illi n-nuqqas tal-konvenut li jindika specifikament s-subinciz tal-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, iwassal sabiex tali eccezzjoni ma tistax tigi kkunsidrata.*

*Illi fid-dawl ta' l-insenjament tal-Qrati taghna, it-Tribunal qed jastjeni milli jikkunsidra l-applikabilita', o meno, tat-terminu preskrittiv ghall-azzjoni proposta, stante illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tistax tigi akkolta.*

*Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jordna l-proseguiment tas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.*

*Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali."*

Illi minn din is-sentenza preliminari appella l-intimat Brian de Giorgio bl-ewwel aggravju illi t-talba tas-soċjeta attriċi hija preskritta u fit-tieni aggravju jispeċifika illi hija preskritta għab-bażi tal-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dawn s-subartikoli jeskludu l-applikazzjoni tas-subartikoli (c) sa (f). Isostni illi ma hemmx għalfejn issir riferenza speċifika għall-artikolu tal-liġi ċitat kemm-il darba jkun evidenti għal liema xogħol l-eċċipjent ikun qiegħed jirreferi. Huwa jgħid illi s-subartikoli applikabbli kienu

evidenti u ghalhekk tonqos il-htiega li jigi identifikat s-subinċiż partikolari. Dan ghaliex mill-provi jirriżulta illi s-soċjeta appellata biegħet u installat bieb ta' garaxx, u allura l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi akkolta.

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi b'avviż quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2012, is-soċjeta attriċi talbet lill-appellanti iħallasha l-ammont ta' tmien mija u sebgħa u disgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€897.74c) rappreżentanti il-bilanċ dovut għal servizz u xogħolijiet li saru fil-bibien u twieqi fil-fond Plot 1, Furtu Salvatiku Street San Ġiljan. Illi preliminarjament l-appellanti eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kodiċi 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi t-Tribunal iddeċieda illi l-konvenut naqas milli jindika speċifikament s-subinċiż tal-Artikolu tal-liġi applikabbli u allura irritjena illi ma setax jikkonsidra din l-eċċezzjoni.

Din il-Qorti ma ssib xejn erroneju fid-deċiżjoni tat-Tribunal u dana fuq skorta ta' gurisprudenza ta' dawn il-qrati fejn inghad:

***"jibda biex jigi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d' ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d' ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;[1] "***

[1] Appell Civili Numru. 1516/2002/1 tat-22 ta' Gunju, 2005 bl-ismijiet Joseph Gauci Vs Saviour Farrugia

Dan id-dispost hu simili ghall-Artikolu 2938 tal-Kodici Civili Taljan li gie mfisser b' dan il-mod mill-**Qorti tal-Kassazzjoni (Nru. 3798, 16 ta' April 1999)**:

**"*La generica proposizione dell' eccezione di prescrizione da parte dell' interessato non autorizza il giudice ad individuare d'ufficio il tipo concretamente applicabile, atteso che, da un conto, la prescrizione non è rilevabile d'ufficio, dall' altro, il suo carattere dispositivo comporta, per la parte che la propone, l'onere di tipizzarla secondo una delle varie ipotesi previste dalla legge, ciascuna delle quali sottesa a distinte situazioni sostanziali, sicchè, in mancanza delle specifiche indicazioni di fatto necessarie per rendere comprensibile ed individuabile 'l' uno o l' altro dei tipi legali, l' eccezione medesima non puo che dicharata inamissibile*";**

**"*il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni, ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza, u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fondamentali filmaterja ta' preskrizzjoni, illi dik ghandha tigi nvokata millparti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk kienx hem xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli, peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza.*[2]"**

Din il-Qorti tosserva illi bis-sempliċi referenza għall-artikolu 2148 ma ġietx indikata b'mod sufficjentement car u specifiku il-preskrizzjoni mill-konvenut appellanti. L-Artikolu 2148 b' ben sitt incizi distinti, jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra. Illi inoltre kif gie deciz illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd

[2] Kollez Vol XXXIII pI p481

ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. Inoltre jingħad illi preskrizzjoni eccepita kellha tiġi speċifikata sabiex it-Tribunal seta jara jekk tapplikax ghar-rapport guridiku 'de quo'. Inbazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ghalhekk ma jistax jitqies censurabbli.

Issa f' din is-sede l-appellanti jinqeda bid-dispost tal-Artikolu 2112 tal-Kodici Civili billi jippreciza illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik stabbilita fl-Artikolu 2148 subinciz (a) u (b) . F' **Joseph Gauci Vs Saviour Farrugia** hawn fuq ċitata ġie ritenut illi ***In linea ta' principju generali din il-Qorti fi grad ta' appell ma tistax ma tammettix din l-eccezzjoni.*** Dan ghaliex "qatt ma gie dubitat illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke bl-emendi ghal Kap 12, tista' tigi sollevata fi stadju ta' l-appell" ("**Paul Balzan** *nomine* **-vs- John A. Scicluna** *nomine*", Appell 3 ta' Dicembru 1999).

***"Issa ma jidherx li jista' jkun dubitat illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem anke fi stadju ta' l-appell. In kwantu eccezzjoni perentorja fuq il-meritu japplika ghaliha d-dispost tal-Artikolu 732 (1) tal-Kap 12 li jipprovdu li "eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti filgrad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad". B'mod aktar preciz "l-eccezzjoni talpreskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, mqar flappell" (Art 2112 tal-Kodici Civili).[3]"***

Illi l-konvenut appellanti jaghmel referenza, issa fi stadju ta' appell, ghall- -artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kodici Civili illi jistipulaw hekk:

[3] Gayle Scerri vs Eric u Rita Borg – app. Inf. 20/10/2003

***"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:***
***(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;***
***(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut";***

Jirriżulta illi l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi huwa ta' tmien mija u erbgħa u disgħin ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu, u huwa rappreżentanti somma ta' bilanċ dovut għal bieb ta' garaxx li twaħħal fil-fond Plot 1, Furtu Salvatiku Street San Ġiljan minnha lill-konvenut.

Illi in-negozju suġġett ta' din il-kawża jidher illi kien negozju uniku u ta' darba konsistenti f'bejgh ta' bieb ta' garaxx. Il-fatti ta' dan il-każ jattaljaw mal-figura ġuridika ta' bejgħ bl-imnut. Dan il-bieb inxtara għad-użu ġjornaljier u biex iservi l-ħtiġijiet personali tal-konvenut, anke tenut kont ta'l-ammont zghir involut. (ara **<u>Joseph Grech vs Domenico Savio Spiteri et, Appell 25 ta' Mejju 2001. )</u>**

***Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (Vol.XXIII.I.909) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa ("Borg vs Bonello et noe et" – Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut 'vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di***

***costoro.' (Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et" – Appell – 25 ta' Mejju 2001).".***

Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-vendita de quo, jirrizultalha li dak in kwistjoni kien bejgh bl-imnut u kwindi tista' tigi nvokata l-preskrizzjoni skond l-Art.2148(b) tal-Kap.16. Li jfisser li l-eccezzjoni qasira ta' tmintax il-xahar eccepita mill-konvenut tapplika għall-kawża odjerna.

Illi is-socjeta appellata tilqa' ghal dina l-eccezzjoni billi issostni illi kien sehh rikonoxximent tad-debitu minn naha tal-appellanti meta huwa kien wieghed verbalment lis-segretarja tal-kumpanija, kull meta din kienet taghmel kuntatt telefoniku mieghu, illi kien ser ihallas l-ammont dovut meta jigi installat il-mutur tal-bieb tal-garaxx. Simone Bajada tghid hekk fix-xhieda taghha:

"***Jiena kont incempillu madwar darba fix-xahar. Dwar il-mutur nghid illi din kienet xi haga apparti, madanakollu kien ighidilna illi hekk kif inwahhlu l-mutur kien ser ihallasna.***"

Ma tindikax izda il-perijodu taz-zmien meta dan sehh u kemm qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni. Illi ghalkemm ***"hu sew maghruf in linea ta' principju generali illi r-rikonoxximent ta' debitu jista' jestrinsika ruhu sew minn dikjarazzjoni esplicita, sew minn kull fatt iehor, kompriza l-manifestazzjoni tacita tal-volonta`, li jimplika l-ammissjoni tad-dritt kreditorju tal-kontro-parti[4]",*** madanakollu jinkombi fuq il-kreditur iressaq provi konklussivi illi sehh dan ir-rikonoxximent u allura iz-zmien meta it-terminu preskrittiv gie interrott. Kwindi fin-nuqqas ta' prova cara meta l-interuzzjoni

[4] "Nicola Farrugia proprio et nomine -vs- Francesco Farrugia et", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Dicembru, 1954

allegatament sehhet, din il-Qorti ma tistax tilqa’ dina il-linja difensjonali tas-socjeta appellata.

Illi skond dokument a fol 12 jirriżulta illi l-*invoice* hija datata 25 ta’ April 2008. L-avviż ġie ippreżentat fit-2 ta’ Marzu 2012. Kif diga inghad ma hemmx prova ta’ rikonoxximent tad-debitu mill-appellanti u kwindi ma jirrizultax illi t-terminu ta’ tmintax-il xahar gie interrott. Għaldaqstant din il-Qorti tiddeċiedi illi t-talba tas-soċjeta attriċi hija preskritta għaliex it-tmintax-il xahar kienu diġa għaddew, mingħajr ebda interuzzjoni jew sospensjoni ta’ dan il-perjodu preskrittiv

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tilqa’ l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddeciedi minflok li l-azzjoni attrici hija preskritta fit-termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------